15 ta' Ottubru 2016

89/2016

## KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TAL-IMTARFA

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Lino Azzopardi bħala kappillan tal-Parroċċa ta' Santa Luċija, l-Imtarfa.

Dun Lino Azzopardi twieled fid-9 ta' Frar 1973. Huwa rċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja ta' Ħal Għaxaq, l-edukazzjoni sekondarja fil-Liċeo Mikiel Anton Vassalli, Ħal Qormi, u beda l-edukazzjoni terzjarja fit-*Technical Insitute*, Raħal Ġdid. Kompla l-istudji terzjarji fil-Filosofija u t-Teoloġija, u kiseb liċenzjat fit-Teoloġija Pastorali mill-Università ta' Malta.

Dun Lino ġie ordnat saċerdot fit-28 ta' Lulju 2002. Beda l-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa ta' San Sebastjan, Ħal Qormi, u wara bħala viċi-kappillan fil-Parroċċa ta' Sant'Anna, Wied il-Għajn. Fl-2007 beda jservi bħala kappillan tal-Parroċċa ta' Santa Marija, Birkirkara.

Il-parroċċa tal-Imtarfa tiġbor fiha madwar 2,300 persuna f'730 familja.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org